MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 670/2001/1

**Oreste GATT**

**vs**

**Domenic CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 t'April, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi fis-sena 1992 l-konvenut kien kera mingħand l-attur il-fond numru disgħin (90) Il-Gonna ta' San Leonardo, Fgura;

Illi wara ċirka sena l-istess konvenut waqaf iħallas il-kera tal-fond (li kienet tammonta għal zewg liri kull jum) in kwistjoni u wara proċeduri legali l-attur rega' ottjena l-pussess tiegħu f'Ottubru 2000;

Illi għalhekk il-konvenut bħala arretrati ta’ kera jew kumpens għal okkupazzjoni illegali tal-fond imsemmi għandu jagħti lill-attur somma ammontanti għal sitt snin kera li jammontaw għal erbat elef u mitejn lira; kif ukoll ħalla danni ammontanti għal ċirka mitejn lira oħra; b’kollox Lm4,400;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tikkundannna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ Lm4,400 fuq dedotta jew somma verjuri;

Bl-ispejjeż, il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-8 ta’ Ġunju, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi din l-azzjoni hija nulla stante illi fiċ-ċitazzjoni qed issir talba għall-pagament ta’ arretrati ta’ kera u ta’ danni allegatament dovuti u dan mingħajr ma saret talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex (i) tiddikjara (ii) tillikwida u (iii) tikkundanna o meno t-talba attriċi liema talbiet huma ‘sine qua non’ u għalhekk in-nuqqas ta’ l-istess jikkawża in-nullita’ tal-att taċ-ċitazzjoni;

2. Illi mingħajr pregudizzju għal dak diga eċċepit, it-tabiet attriċi huma preskritti u dan ai termini tal-artikolu 2156© tal-Kodiċi Ċivili kwantu t-talba għall-pagament ta’ arretrati tal-kera u ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili kwantu jirrigwarda t-talba għal danni;

3. Illi, mingħajr pregudizzju għal dak eċċepit, l-ammont mitlub bħala arretrati ta’ kera jew kumpens għal

okkupazzjoni illegali tal-fond huwa eċċessiv u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għal dak ġia eċċepit, l-attur huwa debitur tal-konvenut għal xogħlijiet resi mill-istess konvenut fil-fond mertu ta' din il-kawża u f'żewġ fondi sovrastanti għall-fond indikat fl-att taċ-ċitazzjoni u dan kif dedott aħjar fil-kontro-talba li qed tiġi intavolata kontestwalment ma' din in-nota tal-eċċezzjonijiet;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-kontro-talba mressqa mill-imħarrek flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu li biha huwa ippremetta:

Illi l-kontendenti kienu ftehmu u obbligaw ruħhom illi l-attur ibiegħu u jittrasferixxi u min-naħa tiegħu, il-konvenut kien aċċetta u obbliga ruħhu illi jixtri u jakkwista żewġ flats mibnija fuq l-art magħrufa bħala l-Gonna ta' San Leonardu, illum Triq il- Falkunier, il-Fgura, liema flats huma sovrastanti għall-garage numru 90, fl-istess triq;

Illi l-konvenut kien ġie nkarigat mill-attur sabiex jesegwixxi u fil-fatt kien esegwixxa xogħlijiet ta' finitura fil-fondi imsemmija kif ukoll fil-garage numru 90, Triq il-Falkunier, il-Fgura fl-ammont ta' erbat elef tlett mija u tmienja u ħamsin lira (Lm4358);

Illi dawn il-fondi qatt ma ġew trasferiti lill-konvenut u dan billi l-attur kien obbliga ruħhu illi l-fondi jkunu koperti bil-permessi rikjesti mil-liġi izda ġara illi l-permessi tal-bini ma kienux in regola kif pattwit;

Illi l-konvenut qatt ma tħallas għax-xogħlijiet ta' finitura minnu resi għall-istess fondi indikati u cioe' s-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u ħamsin lira (Lm4358);

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, tikkundanna lill-attur iħallas is-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u ħamsin lira (Lm4358) rapprezentanti l-prezz ta' xogħlijiet ta' finitura resi mill-konvenut fil-fondi proprieta' tal-attur u dan bil-kunsens tal-attur;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek rikonvenzjonant;

Rat in-Nota mressqa fit-12 ta' Ġunju, 2001, li biha l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa:

1. In-nullita tal-kontro talba għaliex fil-fond de quo ma sar ebda xogħol u għalhekk it-talba kontravenzjonali ma toħrogx mill-istess fatt li ta' lok għall-kawża. Hija nulla ukoll għaliex id-dikjarazzjoni guramentata ma tgħidx li l-konvenut jaf il-fatti personalment;

2. Preliminarjament ukoll, il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar ai termini tal-artiklu 2148(1) jew tal-ħames snin ai termini tal-artiklu 2156 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Mhux veru li l-eċċipjent inkariga lill-konvenut jagħmel xi xogħol;

4. Illi l-konvenut ma għandu jieħu xejn mingħand l-eċċipjent għaliex ma sar ebda xogħol fil-fond de quo;

5. Illi l-konvenut jekk għamel xi xogħol għamlu fil-fondi sovrastanti li fuqhom kien sar konvenju u wieħed minnhom ġie illum trasferit lil terz u ieħor hemm kawża pendenti fuqu bejn il-partijiet f'din il-kawża u terzi;

6. Illi s-somma mitluba mill-konvenut hija invenzjoni totali tiegħu;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur rikonvenzjonat, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2001, fejn l-avukat difensur tal-imħarrek iddikjara li, dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu ma kellux provi x'iressaq, imma talab li jitħalla jressaq Nota bis-sottomissjonijiet tiegħu dwarhom;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2001, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fil-21 t'Awissu, 2001[1], bis-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat illi l-attur naqas li jressaq Nota ta' Tweġiba;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partjiet dwar l-eċċezzjoni tan-nullita' mqanqla mill-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 t'Ottubru, 2001, 8 ta' Frar, 2002, 4 t'April, 2002, 3 ta' Lulju, 2002, u 12 ta' Lulju, 2002,

[1] Pa[[. 26-7 tal-pro`ess

li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tan-nullita' tal-azzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' arretrati ta' kera u risarċiment ta' danni mġarrba. L-attur qiegħed ifittex lill-imħarrek, li għamel xi żmien jikri post mingħandu, biex Iħallsu Lm 4,400, f'biċċa minnha bħala danni u l-biċċa l-oħra bħala kera b'lura għaż-żmien li l-imħarrek dam fil-post, li reġa' ġie lura f'idejn l-attur f'Ottubru, 2000, wara li kien fetaħ kawża kontra l-imħarrek fil-Bord li Jirregola l-Kera ;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom dik li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għax hija nieqsa minn talbiet meħtieġa biex tista' tintlaqa'. Minbarra dan, huwa ressaq kontro-talba biex jitħallas mill-attur tax-xogħlijiet li huwa għamel fil-post kemm dam f'idejh;

Illi din is-sentenza sejra tqis biss l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi ma tiswiex;

Illi mis-sottomissjonijiet mismugħa mill-Qorti, ir-raġuni li għaliha l-imħarrek ressaq dik l-eċċezzjoni hi li mill-kawżali nfushom jidher li l-azzjoni attriċi tissarraf f'żewġ azzjonijiet separati: waħda għal ħlas ta' arretrati ta' kera (azzjoni *ex contractu*) u l-oħra għall-ħlas ta' danni li l-attur jgħid li ġarrab f'ġidu kemm dam iżomm il-post l-imħarrek (azzjoni *ex delicto vel quasi*). Huwa jżid jgħid li n-nullita' tal-azzjoni tinstab f'dik il-parti fejn jintalab ħlas għad-danni mingħajr ma tintalab dikjarazzjoni ta' responsabbilta';

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab l-ilment tal-imħarrek billi jgħid li l-azzjoni tiegħu kif imsawra tgħodd għaliex il-premessi li minnhom toħroġ it-talba tiegħu huma ċari u mfissra sewwa u li d-dikjarazzjoni meħtieġa li jsiru mill-kostatazzjonijiet magħmula m'hemmx għalfejn ikunu dedotti f'talbiet speċifiċi. Iżid jgħid li biex att ġudizzjarju

jitqies ma jiswiex, in-nullita’ trid tkun waħda msemmija mil-liġi: fuq kollox, l-għażla ta’ kif issir kawża hija għażla tal-attur u l-imħarrek m’huwiex imħolli jiddetta x’tip ta’ azzjoni ried jagħmel min ikun ħarrku;

Illi l-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni taħt eżami mill-aspett waħdieni proċedurali, għaliex għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-każ u ċ-ċirkostanzi partikolari li setgħu kienu jeżistu bejn il-partijiet dawn imorru lil hinn mill-eżerċizzju li din il-Qorti hija mitluba twettaq f’dan il-waqt tal-kawża;

Illi biex wieħed jista’ japprezza sewwa xi tfisser l-eċċezzjoni taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita’ ta’ atti ġudizzjarji tista’ tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi l-erba’ (4) ċirkostanzi msemmija f’dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta’ nullita’ ta’ att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa’ taħt il-parametri ta’ xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta’ din id-disposizzjoni, flimkien ma’ l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[2];

Illi, f’dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f’att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta’ att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll[3];

[2] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[3] Art 98 tal-Kap 12

Illi għalkemm l-imħarrek ma jsemmix taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qiegħed iressaq l-eċċezzjoni tiegħhu taħt eżami, hu jssemmi n-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u dan billi din in-nullita' toħroġ min-nuqqas ta' talba li hija meħtieġa fl-azzjoni tal-attur kif impostata. Minn dak li semgħet il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li ngħad iżjed 'il fuq, din l-eċċezzjoni jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif jirreferi għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi b'mod partikolari dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[4];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[5];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet

---

[4] Ara, per e\empju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri;***

[5] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [6];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[7]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[8];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[9];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[10] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[11];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[12], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

---

[6] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

[7] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);

[8] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[9] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

[10] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);

[11] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***

[12] Ara nota 8;

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [13]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[14], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[15], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[16]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[17];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qiegħed jippremetti l-attur ma jħalli l-ebda dubju x'inhu jippretendi li sar u xi jrid li jikseb bl-azzjoni tiegħu. Fuq dan l-istess imħarrek, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, juri wkoll li fehem x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qiegħed iressaq għal dawk il-pretensjonijiet tal-attur. Minbarra d-difiżi fil-mertu, ressaq saħansitra kontro-talba;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[18],

[13] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

[14] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***

[15] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

[16] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

[17] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

[18] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[19];

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-imħarrek huwa n-nuqqas ta' talba li hu jqis li hija meħtieġa biex l-attur jista' jikseb ir-rimedju minnu mitlub għall-ħlas lilu tad-danni li jgħid li ikkawżalu l-imħarrek kemm dam fil-post.. M'huwiex qiegħed jgħid li t-talba għall-ħlas tal-arretrati u t-talba għall-ħlas tad-danni huma kontradittorji u li ma joqogħdux il-waħda mal-oħra[20];

Illi l-Qorti trid għalhekk tqis żewġ kwestjonijiet: (a) jekk in-nuqqas ta' talba speċifika għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' ġġibx in-nullita' ta' dik il-parti tal-azzjoni attriċi li titlob il-ħlas tad-danni; u (b) jekk hemm nullita', tolqotx lil dik il-parti tal-azzjoni biss jew l-azzjoni kollha tal-attur. Biex jintwieġbu dawn iż-żewġ mistoqsijiet, il-Qorti trid tabilfors tħares lejn l-att taċ-ċitazzjoni promotur u tara jekk minnu jinstiltux l-elementi meħtieġa għas-siwi tiegħu: il-Qorti ma tista' tħares lejn l-ebda att ieħor, għalkemm, kif ingħad, id-Dikjarazzjoni maħlufa tal-istess attur tista' tintuża biex isservi biex titfa' dawl fuq il-kawżali. Fil-każ preżenti, id-Dikjarazzjoni maħlufa tal-attur ma tagħti l-ebda dawl ġdid fuq dak li jingħad fl-att taċ-Ċitazzjoni, għaliex din hija riproduzzjoni kelma b'kelma ta' dik;

Illi <u>għar-rigward tal-ewwel mistoqsija</u>, għandu jingħad li minn dejjem kien meqjus fid-dritt proċedurali li, f'każ ta' azzjoni li titlob il-ħlas ta' kumpens għad-dannu mġarrab, talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-persuna li mingħandha qiegħed jintalab il-kumpens hija meħtieġa. Din il-ħtieġa titnissel mill-prinċipju li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[21]. Is-sottomissjoni magħmula mill-imħarrek f'din il-kawża fis-sens li l-Qorti se' jkollha qabel xejn tindaga jekk hu kienx responsabbli għall-ħtija li qiegħed jattribwilu l-attur għandha mis-sewwa. Marbuta ma' din hemm il-kwestjoni jekk, ladarba l-attur

---

[19] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[20] Ara. Kumm. JF **9.1.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Salv Aquilina et vs Joseph Oliver Ru[[ier noe et***

[21] Art. 1031 tal-Kap 16

ma ressaqx talba speċifika għas-sejbien tar-responsabbilta' tal-imħarrek, tistax il-Qorti tagħmel dan l-eżerċizzju mingħajr ma tkun qegħda tiddeċiedi *ultra petita;*

Illi l-Qorti ma tapprovax l-atteġġament tal-attur - kif sottomess f'ismu - li ladarba l-għażla tal-azzjoni hija f'idejh, l-imħarrek m'għandux jiddetta x'azzjoni messu beda l-attur. Huwa minnu li hu l-attur li jagħżel l-għamla ta' azzjoni li jixtieq iressaq kontra l-imħarrek, imma ma' dan għandu jiżdied li l-attur irid jerfa' l-konsegwenza ta' kif jogħġbu jfassal dik l-azzjoni magħżula minnu. Jekk dik l-għażla tissarraf f'att li jkun nieqes minn partikolarita' essenzjali jew ksur fil-forma, hu jrid iseffaq wiċċu mal-effetti li dan in-nuqqas iġib;

Illi, għal bosta żmien, u fid-dawl tat-twarrib tal-formaliżmi żejda fit-tfassil ta' atti ġudizzjarji, ingħad li d-dikjarazzjonijiet li jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi, iżda jkun biżżejjed li ssir talba biex tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni meħtieġa[22], għaliex jekk tali dikjarazzjoni tinsab ġenerikament mitluba fil-premessi, mhux meħtieġ li ssir talba separata[23];

Illi fil-każ preżenti l-attur, għalkemm b'mod għal kollox lakoniku, jixli lill-imħarrek bir-responsabbilta' tal-ħsarat li hu jgħid li sab fil-post meta reġa' ħadu f'idejh, u għalhekk, sa ċertu punt, jista' jingħad li fl-att taċ-ċitazzjoni hemm talba ġenerika għal dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija. Għalkemm kien ikun iżjed mixtieq li saret it-talba għal dikjarazzjoni ta' ħtija u, jekk inhu l-każ, għal-likwidazzjoni tad-danni, ma jistax jingħad li n-nuqqas huwa tali li jġib l-att taċ-ċitazzjoni kollu ma jiswiex, kif qiegħed jippretendi l-imħarrek. B'żieda ma' dan irid jingħad li għall-eċċezzjoni taħt eżami u fuq il-kawżali li fassalha l-imħarrek, wieħed ma jridx jinsa dak li jipprovdi l-proviso tal-artikolu 789(1);

---

[22] Ara App. ~iv. **28.6.1948** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gasan vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.666**)

[23] Ara. P.A. **27.6.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bongailas vs Magri*** u App. ~iv. **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet **|*ammit et vs |ammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

Illi, għal dak li jirrigwarda t-tieni mistoqsija, jingħad li wkoll kieku dik il-parti tal-azzjoni li tirreferi għall-ħlas tad-danni kellha titqies nieqsa fondamentalment, jibqa' xorta waħda l-fatt li t-talba ewlenija (kemm fil-portata u kif ukoll fil-kwantum pretiż) tal-ħlas tal-arretrati tal-kera ma fiha l-ebda nuqqas ta' formalita' jew ta' partikolarita' essenzjali, u l-azzjoni ma tistax għalhekk titqies ma tiswiex fit-totalita' tagħha;

Illi, fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas ilmentat mill-imħarrek dwar l-att taċ-ċitazzjoni, huwa ġarrab b'dak in-nuqqas preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att[24];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Domenic Cutajar, u tordna li l-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi fil-mertu.

Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, **l-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

***Moqrija***

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta' Settembru, 2002**

[24] Art. 789(1)(`)